MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 261/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**John sive Jean Agius**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John sive Jean Agius u persuna ohra talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' l-20 u l-21 ta' Novembru 2002 u fl-ahhar ghaxar xhur precedenti, ghalkemm fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) B'azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga eroina f'dawn il-Gzejjer, jew

ippromwovew jew ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

(b) Fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw id-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lil persuna jew persuni, jew ghal persuna jew ghal persuni minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kinux b'xi mod iehor illicenzjati biex ifornu l-imsemmija droga;

(c) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta, li jkollhom fil-pussess taghhom din id-droga, u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ricotta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John sive Jean Agius hati "ta' l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza' pero` b'attentat dwar l-ispacc ta' droga fl-akkuza ta' l-20 u l-21 ta' Novembru 2002, u tat-tielet akkuza u, wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a) tal-Kap. 9, Taqsima IV u VI tal-Kap. 101, artikolu 22(1)(a)(f)(1A)(1B) u 22(2)(b) tal-Kap. 101, Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif emendat b'Kap. 101", ikkundannatu ghal piena ta' hames snin prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest

preventive, kif ukoll ghal hlas ta’ multa ta’ erbat elef liri Maltin (Lm4,000). Di piu` kkundannatu ghal hlas ta’ l-ispejjez inkorsi fil-perizji f’dan il-kaz u ordnat il-konfiska u distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha sekwestrati li ghandhom x’jaqsmu mar-reati ndikati fl-akkuza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John sive Jean Mifsud pprezentat fis-6 ta’ Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassar_dik il-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel akkuza, hati tat-tieni akkuza, pero` b’attentat dwar l-ispacc ta’ droga fl-akkuza tal-20 u l-21 ta’ Novembru 2002, u hati tat-tielet akkuza bic-cirkostanza li l-pussess tad-droga kien f’cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u kif ukoll dik il-parti fejn gie ikkundannat ghal perijodu ta’ hames snin prigunerija u ghal hlas ta’ multa ta’ erbat elef liri Maltin (Lm4,000), u tikkonferma dik il-parti fejn gie misjub hati ta’ tielet imputazzjoni u cioe` pussess tad-droga kokajina <u>pero` minghajr</u> ic-cirskostanza li l-pussess tad-droga kien f’cirkostanzi li ma kinitx intiza ghall-uzu personali u tinfliggi piena aktar gusta u idoneja ghall-kaz;

Rat il-verbal tat-2 ta’ Novembru 2007 li permezz tieghu Dott. Roberto Montalto u Dott. Jose` Herrera ghall-appellant gibdu l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li s-sentenza appellata hija nulla fit-termini ta’ l-artikolu 382 tal-Kap. 9 u dan ghaliex fl-istess sentenza ma ssemmewx l-artikoli tal-ligi kollha li jikkontemplaw ir-reati kollha li dwarhom kien hemm pronunzjament ta’ htija;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Waqt is-sottomissjonijiet orali taghha in sostenn tal-kwistjoni mqajma, id-difiza osservat illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ccitat it-Taqsima IV u t-Taqsima VI tal-Kap. 101 meta hija kellha ticcita t-Taqsima IV u t-Taqsima V, u inoltre ma semmietx l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw

ir-reati li taghhom l-appellant instab hati taht l-imsemmijin Taqsimiet.

Id-difiza qed tibbaza t-talba taghha fuq dak li jghid l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, u cioe`:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

L-appellant ghandu tliet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, l-ewwel wahda fejn qieghed jigi akkuzat b'assocjazzjoni biex ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, it-tieni fejn qieghed jigi akkuzat bi traffikar ta' l-istess, u t-tielet fejn qieghed jigi akkuzat b'pussess ta' l-istess droga kokaina f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, l-artikolu li jikkontempla r-reat ta' assocjazzjoni huwa proprju l-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 li jinsab fit-Taqsima VI ta' l-istess Kap. Dan l-artikolu ssemma' mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kif ukoll issemmew artikoli ohra rilevanti ghalkemm mhux mehtiega *ad validitatem* (l-artikoli 22(1A), 22(1B) u 22(2)(b) tal-Kap. 101). Jigifieri t-Taqsima VI hi rilevanti u f'dik it-Taqsima hemm proprju l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li bih gie akkuzat l-appellant permezz ta' l-ewwel imputazzjoni. Ma kien hemm l-ebda htiega ghalhekk illi tissemma' wkoll it-Taqsima V u xi artikoli hemm kontenuti.

Kwantu mbaghad l-imputazzjonijiet l-ohra d-difiza ssottomettiet illi ma gewx citati l-artikoli rilevanti fit-Taqsima IV u li jikkontemplaw ir-reati addebitati kontra l-appellant permezz tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Hawn ukoll l-appellant m'ghandux ragun. L-artikolu 9 tal-Kap. 101 jaghti s-setgha lill-Ministru responsabbli ghas-sahha pubblika jaghmel regolamenti biex jikkontrolla l-manifattura, bejgh, pussess u distribuzzjoni ta' medicini perikoluzi. L-artikolu 10(1) jipprovdi li l-medicini li ghalihom tghodd it-Taqsima IV huma dawk imsemmija fl-Ewwel

Skeda. Dawn l-artikoli huma rilevanti izda mhumiex l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati addebitati kontra l-appellant. Ir-reati huma kontemplati specifikatament f'Regolamenti maghmulin bis-sahha tal-*parent Act*, f'dan il-kaz ir-Regolamenti 292 tas-sena 1939 kif sussegwentement emendati.

Issa, permezz tat-tieni imputazzjoni l-appellant qieghed jigi akkuzat li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura droga lil xi persuna jew ghal xi persuna. Dan ir-reat huwa kkontemplat fir-regolament 4 ta' l-imsemmi Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939 u l-ewwel Qorti korrettement iccitat dan ir-regolament.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-appellant qieghed jigi akkuzat li kellu fil-pussess tieghu droga minghajr awtorizzazzjoni. Dan ir-reat huwa kkontemplat fir-regolament 9 tar-Regolamenti msemmija. L-ewwel Qorti ccitat ir-regolament 8 u b'dan il-mod ipperpetwat l-izball li kienet hadet il-prosekuzzjoni stess meta fl-akkuza ccitat proprju r-regolament 8 minflok ir-regolament 9.

Skond il-gurisprudenza nostrana, l-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja huwa ekwiparabbli man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Mary Grech**, 7 ta' Lulju 1995; **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Falzon**, 15 ta' Dicembru 2006). Tali nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali bil-konsegwenza li din il-Qorti sejra tghaddi biex tannulla s-sentenza appellata u tiddeciedi l-kawza hi stess mill-gdid fuq il-mertu skond l-imsemmi subartikolu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara s-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront ta' l-appellant John sive Jean Agius fil-25 ta'

Gunju 2007 nulla u tordna l-prosegwiment tal-kaz fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------